

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > [Hungary](#)

Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Ungerija

Il-kontenut ipprovdut
minn
Ungerija



Int titqies vittma ta' reat jekk tiġi leż permezz ta' att li skont il-liġi Ungeriża jitqies bħala reat, pereżempju jekk isoffri korriment jew jekk il-proprjetà tiegħek issirilha l-ħsara jew tinsteraq. Bħala vittma ta' reat, bil-liġi Ungeriża għandek diversi drittijiet, qabel, matul u wara l-proċeduri tal-qorti (il-proċess). Inti tista' titlob informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħek fi proċedimenti kriminali mingħand l-awtorità tal-investigazzjoni, mingħand l-avukat ġenerali jew mingħand il-qorti, skont l-istadju tal-proċedimenti.

Il-proċedimenti kriminali Ungeriżi jibdeu b'investigazzjoni. L-investigazzjoni ġeneralment titwettaq mill-pulizija, taħt is-supervizzjoni tal-avukat ġenerali. Għaladarba l-investigazzjoni titlesta, jew l-avukat ġenerali jiddeċiedi li jressaq l-akkużi u l-każ jitressaq quddiem il-qorti, jew inkella l-każ jingħalaq fil-fażi tal-investigazzjoni minħabba nuqqas ta' evidenza jew minħabba li r-responsabbiltà penali hija prekluzja jew għax ma għadhiex tapplika.

Jekk il-każ jitressaq quddiem il-qorti, il-qorti teżamina l-evidenza miġbura u tiddeċiedi jekk l-akkużat huwiex ħati jew le. Fi proċedimenti kriminali Ungeriżi (ħlief għal xi forom ta' proċedimenti), il-qorti tista' tiġbor l-evidenza direttament waqt seduta pubblika, għalhekk int tista' titressaq għas-seduta tal-qorti u tiġi eżaminat bħala xhud. L-akkużat, jekk jinstab ħati, jiġi kkundannat u jingħata s-sentenza. Jekk l-akkużat ma jinstabx ħati, jiġi liberat.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ:

[1 Drittijiet bħala vittma ta' reat](#)

[2 Irrappurtar ta' reat u drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess](#)

[3 Iddrittijiet tiegħi wara l-proċess](#)

[4 Kumpens](#)

[5 Iddrittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza](#)

■ L-aħħar aġġornament: 18/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.